MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2008

Avviz Numru. 122/2007

**Henri Mizzi nomine, bhala mandatarju specjali ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera "The Coca Cola Company" (mandat datat 4 ta' April 2007 anness bhala Dok "CC1") (KI 143565M)**

**Vs**

**Chris Drago (KI 411867M)**
**EPS Limited (C-14136)**
**FBD Limited (C-26803)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attur nomine wara li ppremetta illi:

(1) is-socjeta rikorrenti estera tikkunsenja lis-socjeta' attrici, jew lil min din l-Onorabbli Qorti tista' tordna, l-oggetti mertu ta' din il-kawza, u dana ghar-ragunijiet li gejjin:
(2)

(a) is-socjeta’ rikorrenti estera hija proprjetarja tal-markji “CocaCola”, “Fanta” u “Sprite”, liema markji huma registrati ukoll f’Malta u licenzjati lil “The General Soft Drinks Company Limited”;
(b) Dan l-ahhar, l-intimati, jew min minnhom importaw, minn pajjiz barra l-Unjoni Ewropea, prodotti bil-markji “Coca Cola”, “Fanta” u “Sprite”, meta l-uzu ta’ dawn il-markji ma kienx illicenzjat ghas-suq Ewropew;
(c) Tali importazzjoni tammonta ghal ksur tad-drittijiet intellettwali tas-socjeta’ rikorrenti kif protetti u enforzabbli taht il-Kapitolu 416 u l-Kapitolu 488 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(d) Is-socjeta’ rikorrenti kkawtelat id-drittijiet taghha, vis-a’-vis il-prodotti importati qua prodotti u mhux bhala dejn kwantifikabbli fi flus, permezz ta’mandat ta’ sekwestru bin-numru 950/07;
(3) Ghall-finjiet ta’ kompetenza qed jigi ddikjarat illi l-ammont ta’ obbligazzjoni/pretenzjoni ma jeccedix il-hamest elef Liri Maltin (Lm5000);

B’rizerva ta’ l-azzjoni ghad-distruzzjoni ta’l-oggetti mertu ta’ din il-kawza ai termini ta’ l-Artikolu 19 tal-Kapitolu 416 u/jew l-artikolu 9 tal-Kapitolu 488 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-intimati, jew min minnhom , inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 950/2007, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Jannar 2008 (fol 22 tal-atti) minn fejn jirrizulta illi l-intimati ser jikkontestaw it-talbiet attrici u l-Qorti tathom il-fakolta li jipprezentaw l-eccezzjonijiet taghhom bil-miktub fi zmien ghoxrin (20) jum.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ April 2008 (fol 23 ibid) minn fejn jirrizulta illi l-intimati ma ppresentaw l-ebda eccezzjoni bil-miktub u lanqas ma dehru l-konvenuti.

Rat in-nota ta’ mistoqsijiet presentata mill-istess rikorrenti nomine sabiex l-intimati jwiegbu ghalihom bil-gurament u

b'hekk l-istess talbiet jigu pruvati (Artikoli 698 u 702(3)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi ghalkemm notifikati regolarment, l-intimati naqsu u ma dehrux fit-23 ta' April 2008 meta gie presentat l-anness kapitolu u lanqas illum u b'hekk in-nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti nomine u tikkundanna lill-intimati kollha, jew min minnhom sabiex jikkonsenjaw lir-rikorrenti nomine l-oggetti kollha meritu ta' din il-kawza, pero, minghajr il-hlas ta' interessi ghal ragunijiet ovvji. In rigward l-ispejjes inklusi dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru numru 950/2007, dawn kollha jithallsu mill-intimati. B'riserva ghal kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti nomine skond il-ligi ghad-distruzzjoni tal-istess oggetti meritu ta' din il-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------